# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 31**

**Rikors numru 657/12/1 SM**

**Victoria Vella bħala kuratriċi ta' żewġha Carl Vella**

**v.**

1. **Tabib Prinċipali tal-Gvern**
2. **L-Avukat Ġenerali**
3. **Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mount Carmel**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Victoria Vella bħala kuratriċi ta' żewġha interdett Carl Vella, ippreżentat fis-27 ta' Ġunju, 2012, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi r-rikorrenti qeda tintavola dan ir-rikors bħala kuratriċi ta' żewġha Carl Vella u dan wara li l-istess ġie interdett b'ordni tal-Qorti

Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ai termini ta' digriet mogħti mill-istess Qorti, kopja ta' liema digriet jinsab hawn anness u mmarkat bħala **Dok 'VC1'**;

2. Illi fis-17 ta' Lulju, 2010 waqt li Carl Vella kien fl-impjieg tal-isptar Mount Carmel bħala *electrician*, weġġa' waqt li kien fuq il-lant tax-xogħol;

3. Illi l-inċident *de quo* seħħ unikament minħabba ħtija imputabbli lil konvenuti jew min minnhom;

4. Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident Carl Vella sofra danni inġenti inkluż illi inkorra diżabilità fil-persuna tiegħu ta' natura permanenti u dan kif ser jiġi muri ampjament tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

5. Illi minkejja illi l-konvenuti ġew, permezz ta' ittra uffiċjali datata d-9 ta' Ġunju, 2012, interpellati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minn Carl Vella b'konsegwenza tal-inċident *de quo*, huma baqgħu inadempjenti;

6. Illi r-rikorrenti taf dawn il-fatti di scentia proprja;

Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-17 ta' Lulju, 2010 fuq il-lant tax-xogħol fejn jaħdem Carl Vella u li bħala konsegwenza tiegħu Carl Vella sofra danni inġenti inkluż diżabilità ta' natura permanenti;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti minn Carl Vella bħala konsegwenza tal-istess inċident occorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lil konvenuti jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti, bħala kuratriċi ta' żewġha Carl Vella, id-danni kollha hekk likwidati ai termini tat-tieni talba ta' dan ir-Rikors.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta' Ġunju, 2012 u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli datata 5 ta' Ottubru, 2012, li permezz tagħha wieġbu:

"**<u>Eċċezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jinġibux fil-bidu tad-difiża</u>**

1. Illi preliminarjament il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

**<u>Stqarrija ta' l-eċċezzjonijiet fuq il-merti tat-talba</u>**

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li l-intimati m'għandhom assolutament l-ebda tort għall-inċident in kwistjoni u m'humiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

**<u>Dikjarazzjoni ġuramentata dwar il-fatti kollha dwar it-talba</u>**

1. Illi in kwantu għal dak dikjarat fl-ewwel żewġ paragrafi tar-Rikors Ġuramentat dan mhux ikkontestat;

2. Illi mhux minnu dak dikjarat fil-paragrafu tlieta (3) tar-rikors ġuramentat u qed jiġi kkontestat bl-aktar mod qawwi u assolut stante li l-inċident seħħ meta Carl Vella, waqt li kien liebes il-*hard hat* u wara li lesta xi xogħol li kien ordnat jagħmel mill-foreman tiegħu Godfrey Slattery, mar ħdejn sħabu il-ħaddiema l-oħra li kienu qed jarmaw l-arbli għall-festa tal-Karmnu u baqa' dieħel ġol balla tal-krejn meta kemm il-krejn kif ukoll il-balla kienu wieqfin (Ara Dok TP 1);

3. Illi l-intimati m'għandhom l-ebda tort għall-akkadut u bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li huma b'xi mod responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni li sofra Carl Vella bħala riżultat tal-inċident stante li l-inċident seħħ meta Carl Vella, bi żvista jew b'negliġenza grossolana, ma rax fejn kien qed jimxi u baqa dieħel ġol balla tal-krejn;

4. Illi in kwantu għal dak dikkjarat f'paragrafu erbgħa (4) tar-rikors ġuramentat il-korriment ta' Carl Vella tant kien jidher wieħed superfiċjali li huwa diffiċli ferm li wieħed jattribwih biss għall-ħabta li kellu mal-balla tal-krejn fil-fatt kif jirriżulta mir-Rapport ta' Korriment id-daqqa kienet biss waħda frontali (Ara Dok TP 2);

5. Illi l-intimati dejjem għamlu dak kollu li huma ritenuti u obbligati jagħmlu sabiex jissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurta tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, mhux biss, iżda *dato* l-ambjent partikolari tax-xogħol u ċioe fis-settur tas-saħħa, dejjem raw li l-ħaddiema tagħhom mhux biss ikunu mħarsa iżda iservu ta' eżempju għal ħaddieħor. Tant hu hekk li meta seħħ l-inċident il-ħaddiema kollha inkluż Carl Vella kienu mgħammra b'ilbies protettiv adegwat għax-xogħol li kienu qed iwettqu u kienu qed iwettqu x-xogħol b'kawtela u galbu;

6. Illi kif jidher mid-dokumenti hawn annessi iffirmati minn Carl Vella stess u mill-prinċipal Godwin Zammit, Carl Vella kellu l-ilbies kollu protettiv meħtieġ biex iwettaq xogħolu (Ara Dok TP 3);

5. Illi finalment huwa ferm importanti jiġi preċiżat li Carl Vella dakinhar tal-inċident ma kienx *detailed* li jwettaq ix-xogħol tiegħu tas-soltu – dak ta' electrician. Kien biss wara li lesta xogħlu li hu mar ħdejn sħabu biex jarahom iwaħħlu l-arbli meta fil-fatt baqa miexi għal ġol balla tal-krejn;

7. Illi għaldaqstant, it-talbiet rikorrenti kontra l-intimati huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-intimati m'għandhomx tort għall-inċident in kwistjoni u m'humiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni";

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali datata 8 ta' Ottubru, 2012, li permezz tagħha wieġeb:

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradditur fl-azzjoni odjerna a tenur tal-Kap 181B tal-Kap 12 u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu preżentati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi l-intimati m'għandhom assolutament l-ebda tort għall-inċident in kwistjoni u m'humiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni;

4. Illi mhux minnu dak dikkjarat fil-paragrafu tlieta (3) tar-rikors ġuramentat u qed jiġi kkontestat bl-aktar mod qawwi u assolut stante li l-inċident seħħ meta Carl Vella, waqt li kien liebes il-*hard hat* u wara li lesta xi xogħol li kien ordnat jagħmel mill-foreman tiegħu Godfrey Slattery, mar ħdejn sħabu il-ħaddiema l-oħra li kienu qed jarmaw l-arbli għall-festa tal-Karmnu u baqa dieħel ġol balla tal-krejn meta kemm il-krejn kif ukoll il-balla kienu wieqfin;

5. Illi l-intimati m'għandhom l-ebda tort għall-akkadut u bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li huma b'xi mod responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni li sofra Carl Vella bħala riżultat tal-inċident stante li l-inċident seħħ meta Carl Vella, bi żvista jew b'negliġenza grossolana, ma rax fejn kien qed jimxi u baqa dieħel ġol balla tal-krejn;

6. Illi in kwantu għal dak dikkjarat f'paragrafu erbgħa (4) tar-rikors ġuramentat il-korriment ta' Carl Vella tant kien jidher wieħed superfiċjali li huwa diffiċli ferm li wieħed jattribwih biss għall-ħabta li kellu mal-balla tal-krejn fil-fatt kif jirriżulta mir-Rapport ta' korriment id-daqqa kienet biss waħda frontali;

7. Illi l-intimati dejjem għamlu dak kollu li huma ritenuti u obbligati jagħmlu sabiex jissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, mhux biss, iżda dato l-ambjent partikolari tax-xogħol u ċioe fis-settur tas-saħħa, dejjem raw il-ħaddiema tagħhom mhux biss ikunu mħarsa iżda iservu ta' eżempju għal ħaddieħor. Tant hu hekk li meta seħħ l-inċident il-ħaddiema kollha inkluż Carl Vella kienu mgħammra b'ilbies protettiv adegwat għax-xogħol li kienu qed iwettqu u kienu qed iwettqu x-xogħol b'kawtela u galbu;

8. Illi kif jidher mid-dokumenti hawn annessi iffirmati minn Carl Vella stess u mill-prinċipal Godwin Zammit, Carl Vella kellu l-ilbies kollu protettiv meħtieġ biex iwettaq xogħolu;

9. Illi finalment huwa ferm importanti jiġi preċiżat li Carl Vella dakinhar tal-inċident ma kienx detailed li jwettaq ix-xogħol li kienu qed iwettqu sħabu u ċioe iwaħħal l-arbli tal-festa, iżda kellu jagħmel ix-xogħol tiegħu tas-soltu – dak ta' electrician. Kien biss wara li lesta xogħlu li hu mar ħdejn sħabu biex jarahom iwaħħlu l-arbli meta fil-fatt baqa miexi għal ġol balla tal-krejn;

10. Illi għaldaqstant, l-intimati m'għandhomx tort ghall-inċident in kwistjoni u m'humiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni;

11. Sal eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jopponi t-talbiet attriċi u jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Victoria Vella bħala kuratriċi ta' żewġha Carl Vella, bl-ispejjeż kontra tagħha".

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Ottubru, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, kienet sodisfatta li l-attriċi *nomine* naqset li tipprova t-talbiet minnha mressqa, u konsegwentement, laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali rigwardanti l-fatt li hu mhux il-leġittimu kontradittur; illiberat għalhekk lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju; irrespinġiet it-talbiet kollha

tal-attriċi *nomine*; laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli u tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern fuq il-mertu, *stante* li rriżulta assodat li m'għandhom l-ebda tort għall-inċident inkwistjoni; iddikjarat li l-istess konvenuti mhumiex responsabbli għall-inċident *de quo* u għad-danni naxxenti minnu. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi *nomine*.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-proċedura odjerna jistghu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> 13.1. Illi r-rikorrenti nomine hi l-kuratriċi ta' żewġha s-sinistrat Carl Vella, (ara foll 10);
>
> 13.2. Illi Carl Vella kien impjegat bhala electrician mal-Gvern, (ara foll 64 u 73), u kien jippresta s-servizzi tieghu fl-Isptar Monte Karmeli, (ara foll 55);
>
> 13.3. Illi pero` ma ġiex eskluż mir-rappreżentant tal-Uffiċju tar-Riżorsi Umani tal-imsemmi sptar li Vella seta' jitqabbad jaghmel xoghol iehor, (ara foll 64);
>
> 13.4. Illi r-rikorrenti nomine issosstni li fiż-17 ta' Lulju, 2010, żewġha Carl Vella weġġa' waqt li kien qieghed fuq ix-xoghol u sofra diżabilita` permanenti riżultat tal-istess, (ara foll 55);
>
> 13.5. Illi jirriżulta li fil-hin tal-inċident de quo xi impjegati fl-imsemmi sptar kienu qed iżarmaw xi armar relatat mal-festa tal-Karmnu, (ara foll 26);
>
> 13.6. Illi f'dan ix-xoghol l-istess haddiema kienu qed jużaw krejn biex jaqilghu xi arbli, liema krejn kellha balla tal-hadid imdendla maghha, (ara foll 26);
>
> 13.7. Illi jirriżulta li l-imsemmi sinistrat Carl Vella baqa' diehel fuq l-imsemmija balla tal-hadid u habat il-faċċata ta' wiċċu mal-imsemmija balla tal-krejn, (ara foll 26);
>
> 13.8. Illi meta sehh l-imsemmi inċident l-istess Carl Vella kellu il-"crash helmet", (ara foll 26);

13.9. Illi riżultat tal-istess l-imsemmi sinistrat Vella sofra diżabilita` permanenti kif riskontrata mill-esperti tal-qorti fil-livell ta' hamsin fil-mija, (50%), (ara foll 381);

13.10. Illi r-rikorrenti ssosstni li ghal dan l-inċident jahtu l-intimati, (ara foll 2);

13.11. Illi min-naha taghhom l-intimati jsosstnu li fil-hin tal-inċident l-imsemmi sinistrat ma kienx qieghed jaghmel ix-xoghol li ghalih kien impjegat stante li meta korra hu kien f'post fejn kien qed isir ix-xoghol mill-kollegi tieghu relatat mal-armar tal-festa u li mieghu ma kellu x'jaqsam xejn;

Ikkunsidrat:

14. Illi l-intimati Avukat Ġenerali u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli t-tnejn eċċepew preliminarjament li mhumiex il-leġittimi kontradditturi ghall-proċedura odjerna u talbu li jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, (ara foll 22 u 36);

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 181 (B) tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "1. Il-Gvern ghandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

16. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Tabone Computer Centre Limited vs. Ir-Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili et, datata s-27 ta' Jannar, 2011, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi l-liġi trid li f'kawżi l-Gvern ikun rappreżentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwestjoni, u li l-Avukat Ġenerali jidher biss, f'dawk il-kawżi li, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jitressqu kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohrajn";

17. Illi ghalhekk ghandu jkun paċifiku li hu l-kap tad-dipartiment inkarigat mill-materja in kwistjoni – mhux il-Gvern ta' Malta – li hu l-leġittimu kontradittur;

18. Illi hu l-kap tad-dipartiment ikkonċernat li jirrappreżenta lill-gvern f'dik il-kwistjoni li dak il-kap tad-dipartiment ikun inkarigat minnha;

19. Illi fil-każ li talba ma tkunx tista' titressaq fil-konfront ta' xi kap ta' dipartiment, allura jkun f'dan il-każ biss li l-kawża tiġi indirizzata fil-konfront tal-Avukat Ġenerali;

20. Illi l-proċedura odjerna setghet faċilment tiġi indirizzata kontra l-intimat Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli, stante li f'dan il-każ dan hu l-kap tad-dipartiment ikkonċernat u hu faċilment individwabbli;

21. Illi ghalhekk l-intimati Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontraditturi u konsegwentement ghandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

22. Illi konsegwentement, ghandha tiġi akkolta l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali (ara foll 36), iżda ghandha wkoll tiġi respinta l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Karmeli, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

23. Illi l-mertu tal-proċedura odjerna jippernja fuq l-artikli 1031 sa 1032 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16), li jistipulaw is-segwenti:

> "1031. ... kull wiehed iwieġeb ghall-hsara li tiġri bi htija tieghu;
>
> "1032 (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma jużax il-prudenza, d-diliġenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;
>
> " (2) Hadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, ghall-hsara li tiġri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' hsieb fi grad akbar;
>
> "1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tiġri minhabba f'hekk";

24. Illi *di piu`*, min ihaddem ghandu jipprovdi post tax-xoghol sikur ghall-haddiema impjegati mieghu;

25. Illi f'dan ir-rigward fl-1 ta' Mejju, 2001, dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-2000, illum il-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 424), fejn ġie stipulat fl-artiklu 4(1) tieghu li:

> "Il-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta' interess pubbliku";

26. Illi l-artiklu 4(2) tal-istess Kap 424 jelenka l-prinċipji ġenerali li fuqhom huma imfasslin il-miżuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex b'hekk, kemm jista' jkun, jiġi evitat dannu fiżiku u psikoloġiku, korrimenti jew imwiet, fuq il-postijiet tax-xoghol;

27. Illi ghalkemm il-piż fir-rigward hu mitfuh fuq min ihaddem, dan ma jfissirx li l-impjegat ma jistax ikun negliġenti fuq xogholu;

28. Illi skont l-artiklu 7(1) tal-istess Kap 424:

> "Hu dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jiġu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir";

29.0. Illi skont ir-regolamenti fir-rigward dan id-dmir ghandu jiġi mwettaq fost l-ohrajn billi:

29.1. L-impjegat jaghmel użu tajjeb u korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikolużi, taghmir tat-trasport u mezzi ohra ta' produzzjoni; u

29.2. Jaghmel ukoll użu tajjeb tat-taghmir protettiv personali moghti lilu;

30. Illi n-nuqqas t'osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Kap 424 u tar-regolamenti naxxenti minnhu jista' jsarraf f'responsabbilita` tal-haddiem u tal-persuna li timpjega lill-istess haddiem involut, ghall-hsara li tista' ssir, kif stipulat fl-artiklu 1033 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

31. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Philip Vassallo vs. Malta Freeport Terminals Limited, datata l-21 ta' Marzu, 2016, li irriproduċiet is-segwenti osservazzjoni li saret mill-istess qorti diversament preseduta:

> "Bhala punt tat-tluq dottrinali, hu maghruf li fil-qasam ta' responsabbilita` dwar korriment li jsehh fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jghoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta haddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bhal dak. Bit-thaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilita` ghal dak li wiehed irid iwieġeb ghalih minhabba xi ghamil jew nuqqas tieghu, is-sejbien ta' htija ghal inċident bhal dak jghabbi lil min ikun qabbad lill-haddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-haddiem naqas li joqghod ghall-istruzzjonijiet jew ghall-prekawzjonijiet li l-imghallem tieghu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-haddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh...
>
> "Hi regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jiżgura li jipprovdi lill-haddiema tieghu b'sistema xieraq ta' harsien minn kull periklu, (dak li bosta jsejhulu "*a safe system of work*"), fejn ikun sejjer isir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward".

32. Illi minkejja s-suespost dan ma jfissirx li hemm responsabbilita` stretta fuq min ihaddem;

33. Illi ghalhekk il-haddiem li jkorri hu obbligat li jrid fl-ewwel lok jipprova li kien hemm nuqqas ta' miżuri ta' tharis ta' sigurta`;

34.0. Illi hu biss f'dan l-istadju sussegwenti li l-piż tal-prova ddur fuq spallejn ta' min ihaddem li biex jiskolpa ruhhu jrid juri:

34.1. Jew li kien hemm forza maġġuri;

34.2. Jew li kien hemm traskuraġni daparti tal-haddiem;

Ikkunsidrat:

35. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Felix Xerri vs. Beechwood Limited, datata t-3 t'April, 2009, ġie ritenut is-segwenti f'dan ir-rigward:

> "Ghar-rigward il-prinċipji li jirregolaw il-materja, din il-qorti tirribadaxxi li, filwaqt illi l-ġurisprudenza tal-qrati taghha timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura "*a safe environment*" fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji u mehtieġa biex tiġi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kunċett ta' '*strict liability'* ta' min ihaddem, u l-impjegat li jweġġa' fuq ix-xoghol hu obbligat li jipprova l-inċident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista' jinghad li teżisti xi preżunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel qorti, "kważi preżunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh u jipprova li l-inċident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-liġi jew bil-ġurisprudenza *in subjecta materia*";

Ikkunsidrat:

36.0. Illi fid-dawl tal-insenjament ġurisprudenzjali fuq indikat jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi c-*Chief Executive Officer* tal-imsemmi Sptar fil-mument tal-inċident isosstni s-segwenti:

36.1.1. Illi kien infurmat li kien hemm xi arbli li riedu jitnehhew, (ara foll 431);

36.1.2. Illi grupp ta' 3 jew 4 impjegati bdew jaqilghu l- arbli bl-użu ta' krejn billi jghollu l-arblu minn postu u jpoġġuh fl-art biex ikun jista' jinġarr f'postu, (ara foll 431);

36.1.3. Illi s-sinistrat Vella mar ikellem lill-kollegi tieghu u b'xi mod habat rasu mall-ballun tal-hadid li kien imdendel mill-krejn, (ara foll 431 u 26);

Ikkunsidrat:

37. Illi jirriżulta li fil-hin tal-inċident is-sinistrat mar ikellem lil shabu;

38. Illi ghal xi raġuni dahal fil-ballun li kien imdendel fil-krejn li kien qed jintuża minn shabu biex inehhu l-arbli tal-festa tal-Karmnu li kienet ghadha kif kienet iċċelebrata l-ġurnata ta' qabel;

39. Illi ġie stabbilit li kemm il-krejn kif ukoll il-balla imdendla minnha kienu wieqfa, (ara foll 26)

Ikkunsidrat:

40. Illi riżultat tas-suespost ma jistax jinghad, lanqas sal-grad tal-probabbilita`, li tirriżulta xi negliġenza daparti tal-intimati;

41. Illi kif sottolineat aktar qabel, l-obbligu tal-intimati versu s-sinistrat Vella kien li joffru ambjent ta' xoghol sikur;

42. Illi jirriżulta li fil-mument tal-inċident is-sinistrat Vella ma kienx fuq il-lant tax-xoghol skont il-professjoni tieghu ta' *electrician*;

43. Illi lanqas jirriżulta li l-istess sinistrat kien intbaghat jaghmel xi xoghol fuq barra;

44. Illi jirriżulta li s-sinistrat kien stazzjonat fuq xoghol fuq ġewwa u kien barra biss ghaliex mar biex ikellem lil shabu – mhux ghaliex kien hemm ghaliex kien inkarigat mis-superjuri tieghu b'xi xoghol hemmhekk;

45. Illi in vista tal-premess l-intimati ma jirriżulta li ghandhom l-ebda responsabbilita` ghall-inċident in diżamina;

46. Illi b'hekk, is-sinistrat ghandu jġorr ir-responsabbilita` kollha tal-inċident in diżamina *stante* li jirriżulta li hu kien unikament responsabbli ghall-istess;

47. Illi ghalhekk ukoll, jirriżulta li m'hemm l-ebda ksur tal-Kap 424 jew tal-Kap 16 mill-intimati;"

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attriċi *nomine,* fil-konfront tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

(i) tikkonferma s-sentenza mogħtija inkwantu laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, rigwardanti l-fatt li mhuwiex il-leġittimu kontradittur;

(ii) tilqa' l-ewwel aggravju tagħha peress li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati mingħajr ma tispeċifika liema eċċezzjonijiet qiegħda takkolji u tgħaddi sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-17 ta' Lulju, 2010 fuq il-lant tax-xogħol fejn kien jaħdem Carl Vella, u li bħala konsegwenza tiegħu Carl Vella sofra danni inġenti nkluż diżabilità ta' natura permanenti;

(iii) tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u tillikwida d-danni kollha sofferti minn Carl Vella bħala konsegwenza tal-istess inċident u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attriċi, bħala kuratriċi ta' żewġha Carl Vella, id-danni kollha hekk likwidati *ai termini* tat-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* responsabbli għalihom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

7. Rat ir-risposta tal-appell tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli, li permezz tagħha talbu lill-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju, 2023, meta l-appell baqa' differit għas-sentenza.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

10. Illi din il-kawża titratta azzjoni għad-danni, mill-attriċi *nomine* minħabba inċident li fih korra żewġha Carl Vella li kien jaħdem bħala *electrician* mal-Isptar Monte Carmeli. L-incident seħħ fis-17 ta' Lulju, 2010, meta l-istess Carl Vella wegga' waqt li kien fuq il-lant tax-xogħol, li ħalla lill-istess Vella b'diżabilità permanenti u għalhekk sofra danni inġenti. L-attriċi *nomine* tqis lill-konvenuti responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-lant tax-xogħol, kwindi talbet li l-konvenuti (1) jiġu dikjarati unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni inġenti, inkluż għad-diżabilità permanenti (2) li jiġu likwidati d-danni sofferti minn Carl Vella bħala konsegwenza tal-istess inċident u (3) li tikkundanna lill-konvenuti

jew min minnhom iħallsu d-danni likwidati mill-Qorti. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti u bl-imgħax legali.

11. Il-konvenuti Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli wieġbu preliminarjament illi l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, mentri fil-mertu wieġbu li t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, peress li huma m'għandhom assolutament l-ebda tort għall-inċident inkwistjni u mhumiex responsabbli għall-istess inċident u d-danni konsegwenzjali; salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

12. Permezz tar-risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali, fost affarijiet oħra wieġeb li mhuwiex leġittimu kontradittur għall-azzjoni odjerna, *a tenur* tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

13. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali li mhuwiex leġittimu kontradittur u għalhekk illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, irrespinġiet it-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine* u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra fuq il-mertu, peress li rriżulta li m'għandhom l-ebda tort għall-inċident

inkwistjoni u ddikjarat li l-istess konvenuti mhumiex responsabbli għall-inċident *de quo* u għad-danni naxxenti minnu. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

14. L-attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell minnha. L-appell tagħha jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali:

(I) L-appellanti ħassitha aggravata li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti mingħajr ma speċifikat liema eċċezzjonijiet kienet qiegħda takkolji u ddeċidiet fil-mertu fis-sens illi: "*Takkolji l-eċċezzjonijiet tal-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli u tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern fuq il-mertu stante li rriżulta assodat li m'għandhom l-ebda tort għall-inċident in diżamina;*" Kwindi l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati mingħajr ma ndikat liema eċċezzjonijiet hija kienet qiegħda tilqa'. L-appellanti tilmenta li ma kien hemm l-ebda prova li setgħet twassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li kien is-sinistrat li kellu jġorr ir-responsabbiltà kollha tal- inċident u l-konvenuti m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-inċident, jew li l-istess konvenuti kienu qegħdin joffru ambjent tax-xogħol sikur. Dan jingħad mill-appellanti peress li tikkontendi li Vella kien fuq il-post tax-xogħol; Vella kien waqt il-ħin tax-xogħol; Vella kien mal-kollegi tiegħu; kienu qegħdin jinqalgħu l-arbli tal-festa; Vella kien qiegħed hemm sprovvist minn kull tagħmir protettiv; u mhux minnu li Vella ma kienx fuq il-lant

tax-xogħol, anzi kien qiegħed xogħol u waqt is-sigħat tax-xogħol tiegħu.

L-appellanti tagħmel referenza estensiva għall-ġurisprudenza fis-sens li l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, li għandu d-dmir li jagħmel dak kollu raġonevolment meħtieġ sabiex jelimina l-perikli u r-riskji jew inaqqashom. Hekk ukoll, min iħaddem għandu obbligu li jipprovdi *a safe system of work*, jiġifieri li l-post tax-xogħol huwa wieħed sikur, tissorvelja tali post u li tieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex tnaqqas il-periklu. Tilmenta wkoll li minkejja li l-inċident seħħ fis-17 ta' Lulju, 2010, l-NI30 saret minnu fis-27 ta' Lulju, 2010, l-OHSA ma ħaditx konjizzjoni tar-rapport, lanqas ma ħejjiet rapport jew ħadet konjizzjoni tar-rapport u lanqas kienet avviċinata minn xi ħadd sabiex tagħmel investigazzjoni ulterjuri. Fil-fatt issostni li, lanqas biss tħejja *Accident Investigation Report* minħabba n-nuqqasijiet tal-konvenuti, peress li ma saret l-ebda evalwazzjoni tal-periklu li kien hemm fis-sit. Dan meta l-periklu kien stat ta' fatt, inkwantu balla ta' krejn fin-nofs, wieqfa jew mhix, ċertament ma kinitx f'postha u ma kinitx operata b'mod sew, meta Carl Vella ġarrab korriment b'50% diżabilità.

Tisħaq li l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424) jistabilixxi d-dmirijiet ta' min iħaddem u tagħmel

referenza wkoll għall-Avviż Legali 36 tal-2003, intitolat "Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol". Issir referenza għall-ġurisprudenza ulterjuri fis-sens li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-ħaddiema jkunu mħarrġa għat-tip ta' xogħol li jkunu mqabbda jagħmlu; li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilità ta' infortunji fuq ix-xogħol, inkluż li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal li jaqgħu fiha l-ħaddiema, u li hi ħafna drabi ndotta mill-istess natura tal-attività industrijali u li għalkemm is-sistema tagħna fejn jirriżulta event dannuż hija "*fault based",* jibqa' l-fatt li fil-każ in eżami:

Carl Vella kien sfortunat meta ntlaqat minn balla tal-krejn*,* li kien qiegħed jintuża sabiex jinqalgħu l-arbli tal-festa; ma kienx waħdu fejn seħħ l-inċident iżda kien hemm ħaddiema oħra; kien f'sikktu u kien qiegħed jaqdi dmiru; ħadd ma qallu biex ma jkunx hemm; sofra ħsara kbira fil-memorja, tant li lanqas setgħet tittieħed il-verżjoni tiegħu fil-proċeduri odjerni, dwar dak li kien seħħ u għalhekk kull ma hemm hija l-verżjoni tas-superjur tiegħu Gordon Slattery, li fl-aħħar mill-aħħar għandu jwieġeb għan-nuqqasijiet fl-istruttura tax-xogħol. Tisħaq li l-fatt li Carl Vella seta' kien qiegħed ikellem lil sħabu fil-ħin li seħħ l-inċident, hija rrelevanti u l-fatt li xi ħadd ikun illarga xi naqra mill-mestier tiegħu ma jwassalx għal skwalifika ta' danni, meta jkun hemm ċirkostanzi li

jmorru lil hinn mill-kontroll jew mir-responsabbiltà tiegħu, altrimenti tista' sseħħ diskriminazzjoni. L-appellanti tagħmel referenza għall-prinċipju *quod non est in actis non est in mundo,* sabiex tressaq l-argument li (a) dwar il-balla u dwar il-krejn u l-operat tagħhom, jekk kinux qegħdin jintużaw sew, jew min kien qiegħed jużahom ma hemm xejn xhieda; (b) li l-balla laqtet lil Vella hija stat ta' fatt; (c) Vella ma seta' qatt daħal ġol-balla b'mod dirett u b'intenzjoni; (d) anke jekk il-balla tal-krejn kienet wieqfa u mhux tiċċaqlaq, la laqtet lil Vella f'rasu, sinjal li kienet f'pożizzjoni perikoluża. Għalhekk issostni li l-ewwel aggravju jimmerita li jiġi milqugħ.

(II) L-appellanti ħassitha aggravata wkoll meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi ddikjarat lill-istess konvenuti bħala mhumiex responsabbli għall-inċident *de quo* u għad-danni naxxenti minnu, u dan peress li l-appellanti ħasset li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-intimati bħala responsabbli, tenut kont il-fatti tal-każ u sussegwentement tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti minnha *nomine* u tordna l-ħlas tad-danni. Konsegwenti l-argumenti tal-appellanti marbuta mar-responsabbiltà, hija tgħaddi sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar il-likwidazzjoni tad-danni bbażati fuq is-soliti kriterji tal-paga, tad-diżabilità u l-*multiplier* sabiex jiġu likwidati d-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans,* li tikkontendi li huma pagabbli fil-każ in eżami.

15. Il-konvenuti appellati Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli jwieġbu għall-imsemmija aggravji billi, fl-ewwel lok jirrilevaw li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet ċara u inekwivoka meta waslet għall-konklużjoni li l-konvenuti ma kinux responsabbli għall-inċident fejn weġġa' Carl Vella u li permezz tal-appell qiegħed jiġi kkontestat l-apprezzament tal-fatt magħmul mill-Ewwel Qorti. Minkejja l-obbligu ta' min iħaddem li jipprovdi ambjent sikur sabiex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tiegħu, huma jisħqu li mill-provi jirriżulta li huma kienu wettqu dan l-obbligu tagħhom, iżda mhux mistenni li min iħaddem ikun responsabbli għal aktar minn dak mistenni minnu, jiġifieri għal kwalunkwe inċident li jinvolvi n-nuqqas ta' prudenza da parti tal-ħaddiem. Isostnu li dakinhar tal-inċident, Carl Vella ma kienx imqabbad iwettaq xogħol bħal sħabu li kienu qegħdin ineħħu l-arbli, iżda kellu xogħol marbut mal-kariga tiegħu ta' *electrician* fuq ordni diretta tas-superjur tiegħu. Id-deċiżjoni li jitlaq minn fuq xogħlu u jmur ħdejn sħabu kienet tiegħu, meta sfortunatament baqa' dieħel ġo balla tal-ħadid li kienet tifforma parti minn krejn, li fil-mument tal-inċident kienet wieqfa, jiġifieri kien Vella li daħal ġo fiha, ġaladarba l-makkinarju f'dak il-mument ma kienx qiegħed jiġi operat. F'dan is-sens, issir referenza għax-xhieda ta' Godfrey Slattery u ta' Edward Borg. Jisħqu li fil-waqt tal-akkadut, Carl Vella ma kienx qiegħed jeżerċità x-xogħol li kien jipprattika u li kien imqabbad jagħmel, u li l-inċident seħħ sforz in-negliġenza u nuqqas ta' imperizja da parti ta' Vella. Jagħmlu referenza wkoll għall-ġurisprudenza

fis-sens li impjegat għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu u jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel, u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu jew ta' dawk ta' madwaru.

Jinsistu li l-ħaddiema kollha kienu mgħammra bl-ilbies protettiv meħtieġ għax-xogħol li kien qiegħed jitwettaq u li kif osservat mill-Ewwel Qorti, ma rriżultax li kien hemm xi negliġenza da parti tagħhom. Jisħqu li kien l-aġir ta' Vella, li baqa' dieħel ġol-balla tal-ħadid meta l-krejn kien wieqaf, li ġab b'idu l-inċident, u li kien in-nuqqas ta' prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja li taw lok għall-akkadut, meta aġixxa b'mod traskurat u mar kontra ordni leġittima ta' min iħaddmu. Jagħmlu enfasi wkoll għall-fatt li, minkejja l-grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, m'għandhiex tapplika *strict liability* għalih, anzi ma teħlisx lill-impjegat mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' madwaru fuq il-lant tax-xogħol. Jikkontendu li fid-dawl tal-provi in atti, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni xierqa u għalhekk l-aggravju tal-appellanti ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, jingħad li ġaldarba l-inċident li ġarrab Carl Vella ma seħħx minħabba xi tort jew negliġenza da parti tagħhom, huma m'għandhomx iwieġbu għad-danni, peress li kienet l-imperizja u n-

negliġenza ta' żewġ l-appellanti li unikament tat lok għall-inċident, u għalhekk dan l-aggravju wkoll għandu jiġi miċħud.

16. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn ma sar l-ebda appell mill-kap tas-sentenza fejn ġie lliberat l-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju peress li mhux il-leġittimu kontradittur, dan illum jikkostitwixxi ġudikat. Inkwantu għall-ewwel aggravju, sewwa jgħidu l-appellati meta jagħmlu referenza għall-prinċipju li min jallega jrid jipprova. Tajjeb li jiġi nnutat li, il-liġi wkoll tipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u li l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li, issirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib (Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Ġunju, 1953, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"*." Għalhekk fil-kamp ċivili, element neċessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal għad-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur laħaq l-oneru tal-prova mitfugħ fuqu.

17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, mill-atti jirriżulta li peress li Carl Vella ġarrab danni permanenti konsegwenti l-inċident li

seħħ fis-17 ta' Lulju, 2010, ma setax jixhed, hekk kif tilef il-memorja ta' dak li ġara. Kwindi l-uniku xhud li tressaq, li kien preżenti waqt l-inċident, kien Godfrey Slattery, li kien *Senior Technical Officer* li jmexxi grupp ta' ħaddiema fl-Isptar Monte Carmeli li xehed hekk:

> "*...ridna naqilgħu l-arbli minn ġol-main road li tgħati għal ġo l-isptar għax kien hemm l-arbli tal-festa. Biex naqilgħuhom konna nġibu crane, il-crane kien jaqbad l-arblu, jorbtu, jgħollih minn ġot toqba, jniżżluhulna mbgħad noħduh ġewwa fuq idejna.*
>
> ***Lil Karl Vella tajtu struzzjonijiet biex jibqa' ġewwa fil-workshop għax ma kellix bżonnu fuq barra. Hu kien jaħdem ta' electrician u ma kellix bżonn is-servizzi tiegħu. Bdejna naħdmu u ħin minnhom Karl Vella tela' ħdejna u rajt lil Karl jibqa' dieħla fuq il-balla tal-crane****. Reġa' lura u waqa' mal-art...*
>
> *Jekk niftakar sew Karl Vella kellu s-safety shoes u kellu l-helmet".*

In kontroeżami x-xhud ikompli jixhed hekk:

> *"Mistoqsi kif illum qed insostni li lil Karl Vella għidtlu li ma kellix bżonnu għal dak ix-xogħol ta' quddiem l-Isptar Monte Karmeli iżda dan ma għamilx l-ebda aċċenn għalih fid-dikjarazzjoni a fol. 26, ngħid li jiena ma għidtlux biex imur hemm għidtlu joqgħod magħna u jekk ikolli bżonnu nużah...* ***nippreċiża għidtlu joqgħod ħdejn il-workshop****. Mistoqsi jekk iniex ngħid li Karl Vella kien skartat ngħid li mhux hekk, kien għax-xogħol regolari."* (fol. 428-429 tal-proċess) (Enfasi ta' din il-Qorti)

18. B'referenza għad-dikjarazzjoni li saret fl-1 ta' Ottubru, 2010, (ara Dok. TP1 a fol. 26) mill-ħaddiema preżenti waqt l-inċident, jirriżulta li ngħad is-segwenti:

> "*Nixtieq nirraporta dwar il-każ ta' Karlu Vella (S.T.M.) li kien weġġa' waqt li konna qegħdin nagħmlu xogħol ta' l-armar tal-festa. Il-każ seħħ nhar is-Sibt 17 ta' Lulju, 2010, għall-ħabta tat-8 ta' filgħodu fejn ix-xogħol kien jirrikjedi li naqilgħu l-arbli tal-festa bl-għajnuna ta' krane.*

> *L-inċident żvolġa meta l-krane kien qed inizzel il-ganċ biex aħna nkunu nistgħu norbtu l-arblu maċ-ċinga. Hekk kif il-ganċ tal-krane kien wieqaf quddiemna biex inkunu nistgħu norbtu l-arblu, Karlu baqa' dieħel ġo fih u ħabat il-faċċata ta' wiċċu mal-balla tal-krane. Mad-daqqa hu storda.*
>
> *Nixtieq nenfasizza li waqt li kien għaddej ix-xogħol, kull ħaddiem involut kien liebes l-ilbies protettiv inkluż il-crash helmets."* (sottolinjar ta' din il-Qorti)

Għalkemm din id-dikjarazzjoni hija ffirmata minn erba' ħaddiema, inkluż Godfrey Slattery, ġara li x-xhieda l-oħra li ffirmaw l-istess dikjarazzjoni, jiġifieri Mario Grech, Victor Sammut u Andrew Bugeja, kienu fl-awla meta ttieħdet ix-xhieda tal-Pulizija, kwindi l-Qorti rriteniet li ma kinux xhieda idoneji biex jixhdu (ara fol. 137). Isegwi li l-uniku xhud li tressaq sabiex jixhed fir-rigward ta' dak li seħħ kien proprju Godfrey Slattery. Madankollu, lil dan ix-xhud ma sarulux mistoqsijiet dwar min kien qiegħed jopera l-krejn, jew dwar jekk il-ganċ kienx effettivament qiegħed jintuża meta seħħ l-inċident, jew fejn kienu l-bqija tal-ħaddiema meta seħħ l-inċident. Ma tressqet l-ebda raġuni valida għala l-Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq ix-xhieda tal-imsemmi Godfrey Slattery. Konsidrat li jibqa' dejjem obbligu tal-vittma ta' inċident fuq il-post tax-xogħol, li jipprova ness bejn il-ħsara li ġarrab u xi nuqqas ta' min iħaddmu, u fin-nuqqas ta' prova tal-imsemmi ness, il-Qorti ma jkollhiex triq oħra ħlief li tillibera l-konvenuti, din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

19. Għalkemm l-appellanti tikkwota estensivament il-provvedimenti tal-liġi li jipprovdu għar-responsabbiltajiet ta' min iħaddem, hija fl-ispeċifiku tirreferi għad-dmirijiet li min iħaddem jipprovdi post tax-xogħol sikur u li

jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex inaqqas ir-riskji u jelimina l-perikli, u li l-post ikun wieħed issorveljat. Minkejja li jibqa' xorta obbligu ta' min iħaddem sabiex jipprovdi "*a safe system of work",* (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando *sive* Randu Zammit et**) f'dan il-każ ma jirriżultax li l-konvenuti naqsu f'dan l-obbligu hekk kif jirriżulta assodat li l-ħaddiema kienu provduti bit-tagħmir protettiv (li jnaqqas ir-riskju ta' korrimenti). Il-fatt li l-ħaddiema kienu provduti bl-ilbies protettiv meħtieġ tinsab korroborata wkoll (ara Dok. TP3 a fol. 33 u 34 tal-proċess). Din il-prova tikkuntrasta ferm ma' dak li jingħad mill-appellanti meta fir-rikors tal-appell jingħad li Vella kien sprovvist minn kull tagħmir protettiv. Għalkemm l-appellanti ssemmi li l-inċident seħħ meta Vella kien fuq il-post tax-xogħol u l-inċident seħħ waqt li Vella kien qiegħed xogħol, fatti li mhumiex kontestati, dawn waħedhom ma jnisslux ir-responsabbiltà fil-konvenuti. Minkejja li l-grad ta' responsabbilità ta' min iħaddem hu wieħed għoli u hu mistenni ħafna minnu, sabiex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tiegħu, però din mhix waħda assoluta.

20. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża bl-ismijiet **Francis Buhagiar et v. Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et**, deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, fejn skartat it-teżi li "*tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb-billi jerfa' r-responsabbilta' – tas-sinistru li jkun sehh*". Kompliet "*Kif tajjeb gie*

*elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara*." Għalhekk fin-nuqqas ta' prova ta' negliġenza fil-konfront tal-konvenuti, il-Qorti ma tistax issibhom responsabbli għall-inċident. Wara li din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi fl-atti, u qieset ukoll l-argumenti mressqa mill-appellanti fl-ewwel aggravju tagħha, jista' jingħad li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tillibera lill-konvenuti titqies ġusta u korretta, ġaladarba ma ġiex ippruvat li huma kienu negliġenti jew m'osservawx xi obbligu impost fuqhom bil-liġi, u lanqas jirriżulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuż u r-responsabbiltajiet tal-konvenuti.

21. Lanqas hemm dubju li l-ħaddiema kienu qegħdin jiġu ssorveljati, hekk kif Slattery li kien imexxi lill-ħaddiema kien proprju preżenti waqt il-ħin tal-inċident. Inoltre jirriżulta li, l-istess Slattery ta struzzjonijiet lil Carl Vella sabiex jibqa' fil-*workshop*, konsidrat li huwa kien *electrician* u ma kienx hemm il-ħtieġa tax-xogħol tiegħu fit-tneħħija tal-arbli mit-triq, miżura li fil-fehma ta' din il-Qorti kienet proprja waħda sabiex tnaqqas il-periklu u r-riskju. Vella, bħala impjegat, kien mistenni minnu li jobdi l-ordni hekk kif tingħatalu. Il-grad għoli ta' responsabbilità ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet

kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa ritenut li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab.

22. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited**:

> *" Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jpprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero<u>` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.</u>*
>
> *…*
>
> *L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi l-attur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu."*
>
> (sottolinjar ta' din il-Qorti)

F'dan il-każ ukoll jirriżulta li minkejja li Carl Vella ngħata ordni sabiex jibqa' fil-*workshop*, huwa għażel li jmur proprju fl-għajn tal-periklu, fejn kien qiegħed isir ix-xogħol bil-ganċ tal-krejn. Huwa dejjem l-obbligu tal-ħaddiem li joqgħod attent fuq il-post tax-xogħol - għalhekk min iħaddem m'għandux ikun tenut li jipprovdi kontra kwalunkwe negliġenza tal-

ħaddiem, għaliex il-ħaddiem ukoll hu mistenni li joqgħod attent u juża d-diliġenza fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq ix-xogħol, u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskju tal-ħsara.

23. Kif drabi ohra osservat minn din il-Qorti: "*il-haddiem allura ma kienx intitolat li jiehu riskji bla bzonn fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fdat f'idejh. Filwaqt li hu veru illi hemm cirkostanzi fejn it-tehid ta' tali riskju jista' jigi spjegat u gustifikat minhabba n-natura ta' xoghol ripetittiv jew minhabba apprezzament zbaljat ta' x'kellu jsir fil-mument, hemm imbaghad cirkostanzi ohra fejn it-tehid ta' tali riskju ma jkun bl-ebda mod gustifikat ghax ikun jammonta ghal negligenza jew traskuragni fuq il-lant tax-xoghol. Kulhadd allura huwa mistenni illi f'dak li jezercita l-kura ragjonevoli ta' bonus pater familias*" (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Micallef et v. John Pisani et *nomine***, deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2001). Meta Vella, għal xi raġuni li ma tirriżultax mill-atti, għażel li jmur fejn sħabu, huwa għażel li jieħu riskju bla bżonn, li jista' jiġi ekwiparat ma' negliġenza.

24. F'dan il-każ ir-riskju li Vella jweġġa' ma kienx wieħed prevedibbli ġaladarba Vella ngħata struzzjonijiet li jibqa' fuq ġewwa, peress li x-xogħol li kien qiegħed jitwettaq mill-ħaddiema li jinqalgħu l-arbli tal-festa, ma kienx relatat max-xogħol tal-attur jew ma' xi struzzjonijiet mogħtija lilu

mis-superjuri tiegħu. L-inċident inkwistjoni seħħ wara li Vella, bid-deċiżjoni personali tiegħu, li kienet indipendenti mix-xogħol tiegħu, għażel li jitla' fejn sħabu li kienu qegħdin iwettqu x-xogħlijiet li jinqalgħu l-arbli tal-festa, aġir li ma jistax jingħad li kellu jiġi antiċipat mill-imgħallem tiegħu. Għalhekk ukoll ma jistax jingħad li l-konvenuti ma pprovdewx "*a safe system of work".* (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Ronald Powell et v. EneMalta p.l.c. et**). Lanqas jagħmel sens l-argument tal-appellanti li l-impjegati għandhom ikunu mħarrġa sew għat-tip ta' xogħol li jkunu tqabbdu jagħmlu, proprju peress li ma jirriżultax li Vella tqabbad jagħmel xi xogħol marbut maż-żarmar tal-arbli tal-festa. Meqjusa l-provi in atti, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu (li fil-verità kienet waħda) li m'għandhom l-ebda tort għall-inċident inkwistjoni u li mhumiex responsabbli għall-istess inċident u d-danni konsegwenzjali.

25. M'hemmx dubju li Vella kien tassew sfortunat li ġarrab l-inċident in eżami, iżda ma jirriżultax ippruvat li huwa "ntlaqat" mill-balla tal-krejn, iżda mill-provi rriżulta li aktarx kien huwa stess li baqa' dieħel fil-balla li kien hemm imdendla. Għalkemm kien hemm ħaddiema oħra preżenti, ma tressaq l-ebda xhud li jsostni mod ieħor dwar id-dinamika tal-inċident. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, ħadd ma qal lil Vella biex ikun fil-post fejn seħħ l-inċident, anzi jingħad li ngħatat proprju ordni

sabiex jibqa' fil-*workshop,* peress li ma kienx meħtieġ xi xogħol da parti tiegħu. Għalkemm wieħed jista' jasal li jifhem li Vella għal xi raġuni tela' ħdejn sħabu, dan kellu jagħmlu bl-attenzjoni kollha meħtieġa, iżda sakemm ma jiġix ippruvat li kien hemm xi negliġenza da parti tal-konvenuti jew xi ksur ta' xi obbligu impost fuqhom bil-liġi, ma tistax tinxteħet ir-responsabbiltà tal-akkadut fuqhom.

26. Jiġi ribadit li kien jispetta lill-appellanti li tipprova li l-aċċident seħħ konsegwenza ta' xi nuqqas tal-konvenuti, kellha kull opportunità tagħmel il-kontroeżami lil Slattery, sabiex tistħarreġ il-kwistjoni tal-operat tal-krejn u tal-balla, jekk kinux qegħdin jintużaw sew u min kien qiegħed jużahom; minn imkien ma rriżulta li Vella daħal fil-balla b'intenzjoni, iżda aktarx li baqa' dieħel fiha b'mod aċċidentali; ma jirriżultax x'wassal sabiex Vella baqa' dieħel fil-balla, iżda ma tistax issir il-preżunzjoni li ladarba daħal fil-balla, din bilfors tħalliet f'pożizzjoni perikoluża, peress li kien meħtieġ li ssir il-prova da parti tal-istess appellanti sabiex tirnexxi fil-każ imressaq minnha. Ġaladarba ma jirriżultax li l-konvenuti appellati għamlu xi atti jew ikkontribwew b'xi mod sabiex seħħ l-inċident li fih korra Vella, isegwi li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata. Għalhekk l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud u peress li t-tieni aggravju kien jiddependi fuq il-fatt li jintlaqa' l-ewwel wieħed, ma jirriżultax li hemm raġuni l-għala din il-Qorti tinoltra ruħha f'konsiderazzjonijiet ulterjuri ta' dak l-aggravju.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiċħad l-appell imressaq mill-attriċi *nomine* u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu wkoll mill-attriċi *nomine.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm